KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju, 2003 fit-3.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Ħtieġa ta' Skrivana (Part Time).
4) Kwotazzjonijiet għal Servizz ta' Accountant.
5) Diskussjoni Kuntratt RC - 04, PKG - 04.
6) Grand Harbour Marina.
7) Riċerka dwar bdil ta' Ismijiet ta' Toroq.
8) Approvazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji ta' Kull Tlett Xhur (Jan - Mar 2003).
9) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 20 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

20.(1).1 Il-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Numru 18 u 19 ġew ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

20(1).2 *Minuti Numru 18*

Paġna 6 - Stedina lill-Onor. Dolores Cristina
Billi ma' hemm xejn fil-Minuti li jirrifletti x'intqal, il-Kunsillier Charmaine Gerada pproponiet li jinżel dan il-kliem " Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet jekk kienx il-mument li fl-okkażjoni ta' Jum l-Isla l-Onor. Dolores Cristina tingħata ġieh peress li din inħatret Segretarju Paarlamentaari u hija l-unika mara li nħatret f'kariga fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż".

20(1).3 Din il-mozzjoni għal tibdil fill-Minuti ma' kellhiex sekondant għaldaqstant waqgħet.

20(1).4 Is-Sindku Joseph Casha issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi ippropona li ssir addenda taħt dan l-istess item. Din l-addenda tgħid hekk : " Kien hemm diffikulta fil-kontenut kif ġie rrapurtat fl-approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Numru 18 data 25 ta' April, 2003 minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv niżżel stedina lil Dolores Cristina mingħajr ma' kien hemm tifsira għal dan. Fl-opinjoni tas-Sindku u l-approvazzjoni tal-Kunsillieri Mario Mizzi, Walter Ahar u Reno Chircop jafferma li dan id-diskors biex l-Onor. Dolores Cristina tiġi mistiedna għal Jum l-Isla qatt ma' ntqal waqt il-laqgħa tal-Kunsill".

20(1).5 Din il-mozzjoni ġiet approvata b'erba' (4) voti favur u wieħed (1) kontra. Dawn kienu hekk : Joseph Casha, Walter Ahar, Mario Mizzi u Reno Chircop ivvutaw favur waqt li Charmaine Gerada vvutat kontra.

20(1).6 Kien jidher li hemm nuqqas ta' qbil jekk għandhux jiġi aċċettat li fil-minuti jitniżżel ad verbatim il-mozzjoni li ma' tkunx ġiet issekondata u għaldaqstant imwaqqa' kif ukoll il-kwalifiki tal-vot.

20(1).7 Is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti biex il-minuti ta' din il-laqgħa ma' jiġux approvati f'din il-laqgħa, sakemm jieħu parir dwar proċeduri uffiċjali dwar it-talbiet li saru mill-Kunsillier Charmaine Gerada.

20(1).8 Din is-sospensjoni tar-Regolamenti ġiet aċċettata.

20(1).2 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 19 data 8 ta' Mejju 2003.

20(1).2.1 Il-Kunsill approva korrezzjoni imressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada biex f'minuta 19(1)1 paġna 1 il-kliem "lill-Kunsill" tinbidel bil-kliem "lis-segretarju".

20(1).2.2 Il-Kunsill approva korrezzjoni tal-Minuti mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada biex minuta 19(2)1 f'paġna 1 il-kliem "ta' entertainment" titħassar.

20(1).2.3 Il-Kunsill approva korrezzjoni tal-Minuti mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada biex minuta 19(1)3 f'paġna 1 il-kliem "lill-Kunsill" tinbidel mal-kliem "lis-segretarju".

20(1).2.4 Il-Kunsill ma' approvax il-korrezzjoni għal Minuta 19(1)6 li titratta dwar il-parteċipazzjoni ta' Chiara mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada minħabba li din il-mozzjoni ma' kienitx sekondata.

20(1).2.5 Il-Kunsill ma' approvax il-korrezzjoni għal-Minuta 19(1)7 paġna 2 fl-ewwel paragrafu li titratta dan il-programm ta' attivitajiet, mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada minħabba li din il-mozzjoni ma' kienitx issekondata.

20(1).2.6 Il-Kunsill approva l-korrezzjoni għal-Minuta 19(1)7 f'paġna 2 it-tielet paragrafu mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada u ssekondata mis-Sindku Joseph Casha biex titħassar is-sentenza minn "fid-dettal sa programm ta' entertainment" u jidħol dan il-kliem "hija stqarret li la darba l-Kunsill qatt ma' ddiskuta u approva l-entertainment hija kellha kull dritt li tistaqsi min ser jieħu sehem fl-entertainment u tistaqsi jekk Chiara ġietx mistiedna u jekk le għaliex".

20(1).2.7 Il-Kunsill ma' approvax il-mozzjoni għall-korrezzjoni ta' Minuta 19(1)8 paġna 2 li titratta dwar il-parteċipazzjoni ta' Chiara, imressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada, minħabba li din il-mozzjoni ma' kienitx ssekondata.

20(1).2.8 Il-Kunsill ma' approvax il-mozzjoni għall-korrezzjoni ta' minuta 19(1)9 f'paġna 2 li titratta l-parteċipazzjoni ta' Chiara mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada minħabba li din il-mozzjoni ma' kienitx ssekondata.

20(1).2.9 Il-Kunsill ma' approvax il-proposta ta' addenda ta' minuta 19(1)9A f'paġna 2 imressqa mill-Kunsillier Charmaaine Gerada minħabba li din il-mozzjoni ma' kienitx ssekondata.

20(1)2..10 Il-Kunsill ma' approvax il-mozzjoni għall-korrezzjoni ta' minuta 19(1)14 f'paġna 3 dwar klarifika tal-vot tagħha, mressqa mill-Kunsillier Charmaaine Gerada minħabba li din il-mozzjoni ma' kienitx ssekondata.

## 20 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'dak ix-xogħol li twettaq mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*20.(2).1 Problema fid-Drenaġġ - Kunsill Parrokjali ( 28 / 04 / 2003 )*

Minkejja li sena ilu kien sar inspection b'cctv kamera fuq dan il-post baqa' ma' sar xejn. Dan it-test wera li l-parti ewlenija li tagħti għad-drenaġġ hija mblukkata.

Is-Sindku tkellem mal-Heallth Inspector tal-Birgu u Vince Bartolo mid-Dipartiment tad-Drenaġġ fejn immedjatament wara saret laqgħa magħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill. L-Arċipriet ir-Rev. Joe Grech kellu jiġi nfurmat b'dan.

Is-Sindku fisser li sakemm il-Kunsill ma' jkollux indikat ċar fejn qegħda l-ħsara (blockage) il-Kunsill mhux bi ħsiebhu jħalli tħaffir fl-art.

Min-naħa tagħha l-Health Inspector kellha tinforma lill-Arċipriet biex kemm jista' jkun ma' jsir użu għal catering f'dan il-post sakemm tinstab soluzzjoni għall-problema li hemm.

Għal quddiem il-Kunsill bi ħsiebhu jagħmel avviżż fin-Notice Board biex jinforma lir-residenti b'dak li jkun qed iseħħ.

Is-Sindku reġa kellhu kuntatt mad-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenaġġ dwar din il-problema (2 ta' Mejju, 2003).

*20.(2).2 Kumitat Konġunt ( 28 / 04 / 2003 )*

Saret laqgħa ta' dan il-Kumitat tal-Gwardjani Lokali fejn il-Kunsill ta' Floriana talab biex jidħol f'dan il-Kumitat Konġunt.

B'dan id-dħul l-ispejjeż tal-Kunsill jistgħu jonqsu. Il-Kumitat Olimpiku Malti talab għas-Servizz ta' Gwardjani Lokali għas-spejjeż tal-Kumitat Konġunt għal żmien il-Logħob tal-Pajjiżi ż-żgħar, din it-ttalba ma' ġietx aċċettata.

*20.(2).3 Grand Harbour Marina - Ftehim ( 29 / 04 / 2003 )*

Il-Grand Harbour Marina permezz tal-Viċi Sindku talbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-kuntratt propost ma' l-Għaqda tal-Barklori.

Is-Sindku informa lis-Sur Cini li sakemm l-Għaqda tal-Barklori jikkonfermaw uffiċjalment dan il-ftehim permezz ta' l-avukat tagħhom Richaard Sladden ikun għalxejn li jsiru laqgħat mal-Kunsill.

Appena dan il-kuntratt jiġi kkonfermat ma' l-Għaqda, l-Kunsill ikun lest li jaċċetta dan il-ftehim.

*20.(2).4 Nuqqas ta' Servizz ta' l-Ilma ( 30 / 04 / 2003 )*

Il-Kunsill qabel li jressaq talba lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'isem resident li joqgħod 25 Triq San Mikiel biex jinbidillu s-servizz ta' l-ilma minħabba li l-Korporazzjoni m'għamlitx dan meta saret it-triq. Jekk jinqalgħu xi diffikultajiet min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma l-Kunsill jagħmel arranġamenti oħra biex dan is-servizz isir.

*20.(2).5 Attivitajiet - Jum l-Isla ( 04-07 / 05 / 2003 )*

Saru l-attivitajiet ta' Jum l-Isla kif kien ippjaat. Il-Kunsill kellhu talba għal aktar flokkijiet għall-attivitajiet li l-Kunsill kien ħejja flimkien ma' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez. L-attivitajiet kif ukoll l-eżibizzjoni mtella' mill-Kunsill kienu suċċess.

Kien hemm sponsorship mill-Maltacom plc fuq il-flokkijiet kif ukoll mill-Bank of Valletta.

*20.(2).6 Attivita' Jum l-Isla ( 07 / 05 / 2003 )*

Saret laqgħa nformali tal-Kunsill fuq talba tal-Kunsillier Charmaine Gerada dwar l-attivita' ta' entertainment li kellha titella mill-Kunsill fi Ġnien il-Gardjola nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju, 2003 waqt Lejla Maltija.

*20.(2).7 Laqgħa tal-Kunsill b'urġenza ( 08 / 05 / 2003 )*

Is-Sindku laqqa' l-Kunsill b'urġenza biex jiddiskuti l-programm li kellhu jittella' waqt din il-Lejla Maltija.

*20.(2).7.1* Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill b'erba' (4) voti favur u wieħed (1) kontra qablu li l-programm tal-Lejla Maltija jibqa kif kien ppjanat.

*20.(2).7.2* Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu għall-mod kif wara din id-deċiżjoni l-Kumitat Lokali tal-Patit Nazzjonalista ħass li kellhu jagħmel boycott għall-attivitajiet ta' Jum l-Isla nhar it-8 ta' Mejju, 2003. Infatti dan il-Kumitat bboycottja l-attivitajiet kollha ta' dik il-ġurnata kif ukoll għażel li jqiegħed il-fjuri fuq il-mafkar "separatament" u qabel ma' kellha titwettaq din l-attivita'.

*20.(2).7.3* Is-Sindku esprima l-fatt li qabel il-Kumitat lokali tal-Partit Nazzjonalista ħa d-deċiżjoni setgħa jikkonsulta mal-Kunsill biex jisma' n-naħa tiegħu. Hija ħassra li attivita' f'ġieh l-Isla ġiet imdallma u mħassra hekk.

*20.(2).7.4* Is-Sindku lmenta dwar is-servizz xejn tajjeb li wettqu l-pulizija preżenti li flok għenu biex wara l-Quddiesa nhar it-8 ta' Mejju, 2003 aktar fixklu minħabba li ma' ħadhux ħsieb il-parking tal-karozzi.

*20.(2).8 Lejla Maltija ( 9 ta' Mejju, 2003)*

Bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum l-Isla l-Kunsill tella' Lejla Maltija fi Ġnien il-Gardjola. F'din l-attivita' kien hemm programm ta' kant u żfin kif ukoll saret kompetizzjoni ta' l-Inbid. Il-Master Wine Ltd kellhom stand waqt din l-attivita'.

Matul din l-attivita' kien qed isir festival ta' logħob tan-nar fil-Port il-Kbir imtella mill-Malta Tourism Authority u li serva bħala spettaklu fl-isfond.

*20.(2).9 Drainage Blocked fi Triq il-Vitorja ( 9 ta' Mejju, 2003)*

Reġa kien hemm attentat mid-Dipartiment tad-Drenaġġ biex il-blockage tad-drenaġġ irrapurtat mir-residenti fi Triq il-Vitorja quddiem il-fond tal-Kunsill Parrokjali.

*20.(2).10 Sotto Kumitat Edukazzjoni ( 12 ta' Mejju, 2003)*

Saret laqgħa ta' dan is-Sotto Kumitat fejn ġew diskussi l-pjanijiet ta' dan is-Sotto Kumitat biex jibda jmexxi fuqhom. Minuti ta' din il-laqgħa huma annessi ma' dawn il-Minuti.

*20.(2).11 Uffiċ1ċju tal-Kunsill Parrokjali*

Is-Sindku stqarr li għaddew xi xniehat li l-Kunsill irid jagħlaq l-Uffiċċju tal-Kunsill Parrokjali. Infatti s-Sindku sab lill-Arċipriet u ġie assigurat li dan ma' kienx minnhu, li l-Kunsill lest jieħu passi legali kontra min ixerred dawn ix-xnihat foloz.

*20.(2).12 Xogħol ta' toroq ( Ftehim bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tat-Toroq)*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Uffiċċjal tal-Kumitat Lokali tal-Partit Nazzjonalista stqarr li huwa (is-Sindku) jew il-Kunsill ma' jridx jaċċetta l-flus li qed joffri l-Gvern Ċentrali biex isir xogħol fit-toroq ta' l-Isla.

*20.(2).12.1* Is-Sindku stqarr li qabel wieħed jesprimi ruħu fil-pubbliku għandhu jkun jaf il-fatti sewwa u korretti qabel jibda jinsinwa affarijiet li ma' jkunux minnhom.

*20.(2).12.2* Infatti l-Kunsill kien qabel unanimament li sakemm id-dipartiment ma' jaqbilx mal-kundizzjonijiet imressqa mill-Kunsill, il-ftehim ta' xogħol ma' jistgħax jiġi aċċettat għax il-Kunsill ma' jkunx jista jonora l-ftehim.

*20.(2).12.3* Barra dan id-Dipartiment tat-Toroq kien qed jaqbel mal-proposti tal-Kunsill u kien qed jistenna lin-Nutar tad-Dipartiment biex lħejji kuntratt apposta ibbażat fuq il-proposti li kien qed iressaq il-Kunsill.

*20.(2).12.4* Is-Sindku qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat ittra lil-Kumitat lokali tal-Partit Nazzjonalista biex jispjega dan kollu kif ukoll kopja tad-dokument li qed jiġl ppreżentat biex isir il-ftehim meħtieġ. L-Ammont ta' flus involuti f'dan il-proġett ilaħħaq madwar Lm 50, 000.

*20.(2).13 Shelter fl-Isla*

Fuq stedina tal-Kunsill is-Sur Mario Farrugia, id-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Wirt Artna flimkien mas-Sindku żaru ix-xelter li qed jiġi kkurat u mnaddaf mill-Kunsill. Is-Sur Farrugia wera nteress kbir u wiegħed li jgħin lill-Kunsill f'dan il-proġett u bi ħsiebhu jagħmel kuntatt mad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

*20.(2).14 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-28 t'April sas-16 ta' Mejju 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0672/03/I Kors tal-Purtieri fil-Kunsill*

Il-Kunsill qabel li dan il-kors isir. Il-Kunsill jistenna li kull min imexxi kors ikun kwalifikat li joħroġ ċertifikat lill min ikun attenda l-kors.

*04/0677/03/I Taħriġ għaż-Żgħażagħ*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Appoġġ qed iħejji ta' tagħrif għall-volontiera fost iż-żgħażagħ li ser jibda fit-22 ta' Mejju, 2003.

*04/0699/03/I* *Permessi għal Parking Bays / Loading Bays*

L-assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħtet ċirkulari biex kull Kunsill jirregola ruħu ma' l-Awtorita dwar it-Trasport dwar permessi ta' Car Parks u Loading u Unloading Bays. Il-Kunsill sejjer jieħu azzjoni fuq dan jekk hu l-każ.

*04/0700/03/I* *Upgrading ta' Car Parks*

Il-Kunsill bagħat lista ta' fejn hemm carparks fl-Isla bil-għan li jsir upgrading mill-Awtorita Dwar it-Trasport (ADT).

*04/0707/03/I* *Kiddie Rides*

Il-Kunsill aċċetta t-talba tas-Sur Gaetano Theuma biex jopera il-Kiddie Rides bejn l-4 u t-8 ta' Settembru, 2003. Huwa għandhu jiġi mitlub biex jagħmel il-permessi meħtieġa.

*04/0730/03/I* *Kumitat Konġunt tad-Dwal fit-Toroq*

Il-Kunsill approva il-ħlas ta' Lm 45.01 lil dan il-Kumitat Konġunt li jridu jitħallsu bħala parti mill-ispejjeż pro rata li dan il-Kumitat wettaq.

*04/0734/03/I* *Korsijiet għat-tfal ta' l-Iskola fis-Sajf*

Il-Kunsill aċċetta t-talba tas-sinjura T. Busuttil biex ittella' korsijiet għat-tfal ta' l-iskola bi ħlas għall-korsijiet għas-snajja' tal-Ganutell, Lewlu u tal-Monasteru.

*04/0736/03/I* *Drittijiet tal-Konsumatur*

Il-Kunsill aċċetta l-proposta mid-Diviżjoni tal-Konsumatur fil-Ministeru tal-Finanzi biex issir Diskussjoni dwar id-drittijiet tal-konsumatur u l-obbligi tan-negozjanti.

*04/0743/03/I* *Devoluzzjoni tad-Dawl tat-Toroq*

Il-Kunsill bagħat il-prijoritajiet tiegħu dwar prijorita ta' xogħol meħtieġ fir-rigward ta' bdil ta' isolators.

*04/0744/03/I* *Kors - Cake Decorating*

Il-Kunsill aċċetta t-talba tas-Sinjura Janita Pellikano biex isir kors ta' Cake Decorating fil-Kunsill.

*04/0/03/I* *Fanali J. B. Azzopardi*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-fanali li kien imwiegħed li jsiru mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera issa jridu jsiru millfond ta' Lm 5, 000 allokati lill-Kunsill mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*04/0/03/I Skola Lorenzo Gafa' (Fortini)*

Il-Kunsill qabel li jagħti sehem f'Maratona ta' 51 siegħa fil-logħob tal-pool li ser torganiżża din l-iskola. Din ser isseħħ bejn nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju, 2003.

*04/0776/03/I Skema Xogħol fil-Kommunita'*

Il-Kunsill iddiskuta l-ilment imressaq mill-Koperattiva Outlook f'isem l-ETC dwar allegat li l-erba ħaddiema jew uħud minnhom, mhux qed jagħtu 40 siegħa ta' xogħol kif stipulat fl-istess skema (ittra mehmuża).

Għaldaqstant saret laqgħa mal-ħaddiema kkonċernati nhar il-Ġimgża 16 ta' Mejju, 2003 fl-Uffiċċju tal-Kunsill (Minuti Mehmuża). F'din il-laqgħa ġie propost li dawn il-ħaddiema jaħdmu fuq ħin flessibli wara li jkun approvat mill-ETC.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma' qablitx ma' dan u pproponiet li "Il-Ħaddiema jaħdmu mit-8.00 sat-2.45 kuljum biex jiġi evitat kull abbuż, fil-qadi tax-xogħol tagħhom". Billi ma' kienx hemm sekondant, din il-proposta waqgħet.

Is-Sindku Joseph Casha ppropona li tintbagħat ittra (kopja mehmuża ma' dawn il-Minuti) lill-ETC fejn ġie mfisser li jkun aktar vijabbli li dawn il-ħaddiema jaħdmu fuq sigħat flessibbli kif rakkomandat mill-Kunsill bl-approvazzjoni ta' l-ETC. Il-Kunsillier Charmaine Gerada stqarret li hija kontra dawn il-ħinijiet biex tkun konformi mal-proposta tagħha.

Din il-mozzjoni ġiet approvata b'erba (4) favur (J. Casha, W. Ahar, M. Mizzi u R. Chircop) u wieħed (1) kontra (C. Gerada).

*04/0784/03/I Seminar - Education for Democratic Citizenship (30/31/05/03)*

Il-Kunsill qabel li jattendi dan is-seminar li kellhu jsir fil-Corinthia San Ġorġ. GĦal dan is-seminar attendew is-Sindku Joseph Casha u Vanessa Caruana, kordinatur fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

*04/0785/03/I Jum Dinji kontra d-Droga*

Il-Kunsill qabel li jattendi għal din l-attivita li ser titella mill-Kunsill Lokali Marsaskala nhar is-26 ta' Junju, 2003. Ser issir laqgħa preparatorja nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju, 2003. Il-Kunsillier Reno Chircop kellu jattendi għal din il-laqgħa.

*04/0789/03/I Segretarju Parlamentari - L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici*

Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Segretarju Parlamentari nkarigat mill-Kunsillik Lokali biex dan iżur l-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju, 2003 fit-8.0pm.

*20.(2).15* *Ħruġ ta' Tender Documents (RR-04) Resurfacing ta' Toroq*

*20.(2).15.1* Fuq bażi li jsir il-ftehim bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tat-Toroq għal finanzjament ta' resurfacing ta' toroq fl-Isla, l-Kunsill Lokali kien qed jaqbel li joħroġ it-tender documents.

*20.(2).15.2* Is-Sindku Joseph Casha fisser li mill-ftehim li qed jiġi propost bejn id-Dipartiment tat-Toroq u l-Kunsill, il-Kunsill għandhu jirċievi Lm 23, 000 bejn Mejju, 2003 u Mejju, 2004 u madwar Lm 28, 000 bejn Awissu, 2004 sa Mejju, 2005 biex isiru diversi toroq fl-Isla.

*20.(2).15.3* Jekk dan il-ftehim iseħħ u jiġi approvat mid-Dipartiment Tt-Toroq il-Kunsill ikun jista jwettaq xogħol ta' resurfacing f'dawn it-toroq : L-ewwel Fażi - Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq san Lawrenz, Triq il-Kurċifiss u Dawret Ix-Xatt. It-Tieni Fażi - Triq san Ġużepp, Triq il-Ponta u parti minn Triq Iż-Żewġ Mini.

*20.(2).15.4* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem. con. biex joħorġu t-tender documents għall-ewwel fażi tax-xogħol.

*20.(2).15.5* Il-Kunsillier Mario Mizzi rrimarka li qabel isir dan ix-xogħol ikun aħjar isir ix-xogħol ta' żonqor fi Triq San Pietru u San Pawl.

Il-Kunsill aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa fis-7.30pm għal nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju, 2003 fl-12.00pm.

## Il-Ġimgħa 23 ta' Mejju, 2003 fl-12.00pm

### 20 (3) Ħtieġa ta' Skrivana Fuq Bażi Kuntrattwali

*20.(3).1* Qabel il-Kunsill iddiskuta, s-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li Priscilla Micallef qed turi dispjaċir li ma' applikatx għal din it-tender u xtaqet li tiġi kkunsidrata.

*20.(3).2* Għalkemm il-Kunsill qed jifhem l-animu tas-Sinjorina Priscilla Micallef pero' minħabba proċeduri legali t-talba tagħha ma' tistgħax tiġi kkunsidrata peress li kull applikazzjoni kellha ssir fuq dokument apposta sa nhar l-Erbgħa 30 t'April, 2003 sa nofsinhar.

*20.(3).3* Il-Kunsill ikkunsidra l-unika offerta li kien hemm għal dan ix-xogħol. Din l-applikazzjoni kienet mis-Sinjorina Vanessa Caruana (Kopja mehmuża).

*20.(3).4* Il-Kunsillier Charmaine Gerada stqarret li hija kienet ser tivvota kontra din l-unika offerta mhux għax hija kontra l-applikazzjoni ta' Vanessa Caruana

iżda biex tkun konformi ma' dak li stqarret fil-laqgħat ta' qabel li ma' kienetx taqbel li toħroġ offerta fuq bażi kuntrattwali iżda fuq bażi full time.

*20.(3).5* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' Vanessa Caruana. Il-voti kienu erba (4) favur wieħed (1) kontra.

*20.(3).6* Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi approva biex is-Sinjorina Vanessa Caruana tibda taħdem fuq bażi kuntrattwali b'effett min nhar it-Tnejn 2 ta' Ġunju, 2003, bi tletin siegħa fil-ġimgħa mit-8.00am sas-2.00pm mifruxa fuq 5 t'ijiem fil-ġimgħa. Il-voti kienu erba' (4) favur u wieħed (1) kontra.

*20.(3).7* Is-Segretarju Eżekuttiv għandhu jieħu ħsieb iħejji Job Description ta' xogħol li Vanessa Caruana għandha twettaq kif ukoll il-kuntratt ta' xogħol.

## 20 (4) Diskussjoni Kuntratt (RC-04), (PKG-04) - (Q01/03)

*20.(4).1* Il-Kunsill reġa ddiskuta l-offerti mitfugħa għas-Servizz ta' Accountant fil-Kunsill Lokali Isla.

Il-Kunsill qabel li jikkunsidra l-irħas tlett offerti skond it-tabella mehmuża mal-Minuti. Dawn huma MAG Ltd, ERREMME Ltd u Romina Perici Ferrante.

Il-Kunsill qabel ukoll li qabel, jieħu deċiżjoni jiltaqa' magħhom nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju, 2003 fis-1.00pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

*20.(4).2* *Kuntratt PKG-04 - (Manutenzjoni ta' Ġonna u Soft Areas)*

Il-Kunsill huwa tal-fehma li dan il-kuntrattur mhux qed jieħu ħsieb sewwa s-Soft Areas.

Wara li kellmu s-Sindku, jidher li dan il-kuntrattur beda jieħu ħsieb aħjar dawn is-soft areas.

Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat ittra lil dan il-kuntrattur dwar in-nuqqas tas-servizz tiegħu u dwar iż-żbir tas-siġar.

*20.(4).3* *Kuntratt RC-04*

Il-Kunsill qed ikollu lmenti li l-ġbir ta' l-iskart domestiku mhux qed jinġabar Kull nhar ta' Ħadd filgħoodu u l-iskips mhux qed jitnaddfu u jinħaslu kif suppost li jsir skond il-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandhu jikteb ittra lill-Koperattiva Ndafa Pubblika f'dan ir-rigward.

## 20 (5) Grand Harbour Marina (Ffirmar ta' kuntratt)

Jidher li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Grand Harbour Marina (GHM) u l-Għaqda Sajjieda Dillettanti u Barklori dwar ċertu punti kif imfissrin fil-kuntratt.

*20.(5).1* Is-Sindku Joseph Casha tkellem ma' Dr. Sladden li qed jirrappreżenta lill-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori dwar dan.

*20.(5).2* Infatti ser issir Laqgħa Ġenerali mill-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju, 2003 dwar dan il-ftehim propost, fis-Sala tal-Kunsill. Kull diffikulta għandha titqajjem f'din il-laqgħa.

*20.(5).3* Il-Kunsill qabel li ma' jidħol għall-ebda ftehim jekk l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori ma' tkunx qed taqbel mal-proposti li ressaq il-G.H.M.

## 20 (6) Riċerka dwar bdil ta' Ismijiet ta' Toroq

Billi l-Kunsill qed jirċievi talbiet għal tibdil ta' Ismijiet ta' Toroq biex jiġu msemmijin għal nies mill-Isla li għamlu isem fil-ħajja pubblika ta' pajjiżna, eżempju : F. Marks, l-Isqof E. Galea.

*20.(6).1* Il-Kunsill qabel li jiġi maħtur kumitat biex jagħmel dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

### 20 (7) Approvazzjoni ta' Rapport Finanzjarji ta' Kull Tlett Xhur ( Jan - Mar 2003)

Ġie propost ir-Rapport Finanzjarju ta' l-aħħar tlett xhur (Jan-Mar'03) tas-sena finanzjarja 2002/2003 (Kopja mehmuża).

*20.(7).1* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop dan ir-rapport ġie approvat nem. con.

## 20 (8) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop approva l-ħlas ta' pagamenti tal-Kunsill għall-ammont ta' Lm 5, 924.85ċ.

*20.(8).1* Il-Kunsillier Charmaine Gerada irrimarkat li dwar il-ħlas lill-ħaddiema taħt l-iskema ta' l-ETC minħabba li hija tħoss minn dak li ġie allegat jista joħroġ li xi wħud minn dawn il-ħaddiema mhux qed jagħtu sehmom.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-6.00pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________ ______________________
Joseph Casha Alphonse Zammit
Sindku Segretarju Eżekuttiv